TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Caroline Farrugia

Vs

Euro Pharma Ltd

CCT 116/20/MM

Illum, 20 ta' Ġunju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-3 ta' Settembru 2020 fejn talbet is-somma ta' Euro 2,370 rapprezentanti l-valur ta' scooter allegatament difettuz.

Ra r-risposta tal-intimata ppreżentata nhar it-8 ta' Ottubru 2020, fejn irribattiet ghat-talbiet attrici fosthom billi sahqet li l-prodott ma kienex milqut minn difetti tal-fabbrika u ghalekk ma setghatx taccetta rifuzjoni totali tal-prodott wara l-gheluq tal-garanzija.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti xtrat scooter fejn beda jaghmel hsejjes qawwija u eventwalment beda jizzarma tant li sahansitra bdiet titlef il-kontroll. Hi tghid li l-iscooter kien jgholli l-ispeed wahdu u anki ghamlilha hsarat fl-ghamara taghha tad-dar. Hi tishaq li qatt ma inghatat l-opportunita' li tara l-mutur li ordnat izda biss minn katalgu u l-ordni damet tliet xhur biex giet.

Ir-rikorrenti zzid li hi qatt ma inghatat istruzzjonijiet sabiex l-ewwel titghallem issuq l-iscooter u tenfasizza li ilha dipendenti fuq muturi ta' dan it-tip ghal dawn l-ahhar sbatax-il sena. Hi tishaq li kemm il-darba is-socjeta' intimata haditilha l-mutur ghat-tiswija bil-

konsegwenza li tispicca tieqaf hajjitha f'dak il-perjodu sahanistra darba zammewh ghandhom ghal madwar hmistax-il gurnata.

Ir-rikkorrenti ssostni li llum il-gurnata dan l-iscooter izzarma kompletament u ghalhekk ir-rikorrenti kellha tixtri iehor.

Illi xehdet Francesca Caruana ghas-socjeta' intimata fejn b'referenza ghal-manual tal-iscooter hi tghid li dan ghandu ssirlu manutenzjoni regolari u jigu ssikati l-boltijiet minn zmien ghal zmien. Hi ssostni li t-technicians tal-intimata biddlu r-roti ta' wara u l-hub bla hlas. Dawn ir-riparazzjonijiet saru fl-istess sena li gie mixtri l-iscooter u cioe 2019. Hi ssostni li t-technicians innutaw li l-iscooter kellu il-front LED imkisser u ghalhekk zgur li r-rikorrenti kienet laqtet l-iscooter. Min-naha tal-intimati kienu offrew ir-rikorrenti li jibqghu jissikkaw il-boltijiet bla hlas anki wara l-perjodu tal-iskadenza tal-garanzija billi hi ggib l-iscooter il-hanut taghhom.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirrizulta li l-iscooter inxtara fis-6 ta' Dicembru tas-sena 2018 izda l-konsenja tieghu effettivament saret tliet xhur wara u ghalhekk f' Marzu 2019. Jirrizulta mill-provi li f'Lulju 2019 is-socjeta' intimata ghamlet diversi tiswijiet fuq dan il-mutur u dan kif johroh mix-xhieda ta' Francesca Caruana prodotta mis-socjeta' intimata fejn spjegat li t-technicians tas-socjeta' kienu biddlu r-roti ta' wara u l-hub tal-istess scooter.

It-Tribunal jinnota u jiddikjara bla tlaqlieq li dan huwa kaz klassiku ta' prodott milqut b'difett li certament m'huwiex accettabbli li prodott ikollu jizzarma u jinbena mill-gdid f'inqas minn erba' xhur ta' uzu.

Illi t-Tribunal ihoss li l-istess xhud Francesca Caruana mhijiex korretta meta tittanta tehles mir-responsabbilta' billi tispjega li t-technicians kienu nnutaw li l-iscooter kellu il-front LED mkissra u li kellha l-kolonni tal-istess scooter maghwwgin u ghalhekk qed taghti x'jifhem li d-difetti fl-iscooter huma kkawzati mir-rikorrenti stress ghax habtet bih jew laqtitu ma x'imkien. Illi bid-dovut rispett, is-socjeta' intimata ghadha ma fehmet xejn mill-

ilment tar-rikorrenti wisq inqas setghet tindirizzah. Dan ghaliex, ir-rikorrenti spjegat car kristall li l-iscooter kien milqut b'difett li kien qed jikkawza lill-istess scooter izid l-ispeed wahdu u jitlef il-kontroll u ghalhekk ma jistax jigi eskluz li ntlaqat. Fil-fatt ir-rikorrenti tixhed u tipprezenta evidenza ossia ritratti li juri lill-iscooter jahdem b'mod erratiku u konsegwenza ta' dan jodrobha.

Illi l-istess socjeta' intimata jidher li ghamlet komunika mal-manifattur pero' tghid li l-iscooter qatt ma rawh. Illi bhala bejjiegh ta' tali prodotti, is-socjeta' intimata ghandha l-obbligu li jekk ma jkolliex il-kapacita' li ssewwi l-prodott u ggibu jahdem kif suppost, l-inqas li kellha taghmel kien li tibghatu ghand il-manifattur sabiex jigi ezaminat ghal diversi ragunijiet fosthom biex jigi accertat li l-prodott huwa safe u li jistgha jibqa fis-suq, li tinghata spjegazzjoni ghad-difetti li hemm fil-prodott u eventwalment li tinghata soluzzjoni ossia jew prodott imsewwi (guaranteed refurbished) jew prodott gdid floku.

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma' x-xhieda viva voce u ma jarax raguni ghaliex m'ghandux jemmen il-verzjoni tar-rikorrenti. Ghalhekk fuq bilanc ta' probabbilita' isib li ghandha iktar mis-sewwa il-verzjoni tar-rikorrenti li l-iscooter kien milqut b'difett u mhux dak li ssostni s-socjeta' intimata li l-hsarat fl-iscooter huma attribwiti lir-rikorrenti ghaliex m'ghamiltx uzu tajjeb minnu u manutenzjoni regolari.

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimata u jilqa' it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma ta' Euro 2370 bl-ispejjez kontra l-intimata fi zmien gimgha mil-lum.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru